MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 46

19 ta' Novembru 2015

Minuti tas-seduta Nru. 46 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru 2015 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella u H. Fenech. Is-Sur D. Vella kien indispost, filwaqt li l-Kunsillier H. Fenech għarraf li kien imsiefer permezz ta' imejl datat 14 ta' Novembru 2015. L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ma ġietx trasmessa direttament permezz tal-internet minħabba ħsara teknika li saret magħrufa waqt l-istess seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Attivita` minn Green MT Ltd (K/6/11)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-attivita` illi fiha ser jitqassmu boroż griżi u jinġabru ħwejjeġ u *hand bags* qodma, ser issir f'Misraħ il-Parroċċa nhar il-Ħadd 29 ta' Novembru 2015, filgħodu.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Twieqi tal-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)( S/3/1/1)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.2. tas-seduta preċedenti u qal li xi twieqi tal-iskola kienu inbidlu ma' oħrajn ġodda li għandhom il-parti t'isfel tagħhom fissa u b'hekk joffru aktar siġurta`. Is-Sur J. Buttigieg qal li meta jitlesta x-xogħol kollu, ikunu jistgħu jinfetħu l-passaġġi li saru fuq in-naħa ta' barra tal-iskola.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Sejħiet għall-Istimi 2/2014 u 3/2014 - Kiri u nstallazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier matul il-perjodu tal-festi marbuta mal-Milied 2015 u l-Ewwel tas-Sena 2016 (T/4/15)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li t-tagħrif illi kellu jinġieb mingħand l-offerent Carl Caruana kien ingħata u fil-fatt ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha. Id-dettalji li ngħataw miż-żewġ offerenti kien skont kif jidher hawn taħt:

| Mica Med Ltd | | | |
|---|---|---|---|
| **Kwantita`** | **Daqs (m)** | **Area (m²)** | **Tul ta' *Rope Light* (m)** |
| 1 | 5 x 1.4 | 7.00 | 70.00 |
| 2 | 4.1 x 1.6 | 13.12 | 130.00 |
| 9 | 3.3 x 1.5 | 44.55 | 450.00 |
| | **Totals** | **64.67** | **650.00** |

| Carl Caruana | | | |
|---|---|---|---|
| **Kwantita`** | **Daqs (m)** | **Area (m²)** | **Tul ta' *Rope Light* (m)** |
| 4 | 5 x 1.3 | 26.00 | 233 |
| 8 | 5 x 1.3 | 52.00 | 467 |
| | **Totals** | **78.00** | **700** (*) |
| (*) Jinkludi wkoll 650metri ta' *fairy lights*. | | | |

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għall-korrispondenza li kien hemm permezz tal-imejl li permezz tagħha rriżulta mill-istess korrispondenza illi kien hemm qbil minn kullħadd li għandha tiġi aċċettata l-offerta ta' Carl Caruana għab-bażi tal-prezz, l-area, u t-tul ta' *rope light*.

2.3.4. Is-Segretarju għarraf illi minħabba li ż-żewġ kuntratturi bdew jagħmlu pressjoni fuq il-Kunsill sabiex tingħata tweġiba, inħarġet *purchase order* lil Carl Caruana, wara li l-Kunsillieri kollha qablu li x-xogħol għandu jingħata lilu.

2.3.5. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

2.3.6. Apparti dan, il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li tintrama sigra tal-Milied kbira biex tintrama f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II li tkun tista' tintrama minn sena għal'oħra.

2.3.7. Is-Sindku qal li apparti l-ispiża, il-problema li hemm dwar dan is-suġġeriment huwa fejn ser tinżamm meta tiżżarma.

**2.4.1. Servizz ta' messaġġi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (E/3/1/11/Vol II)**

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani ser joħroġ sejħa għall-interess dwar servizz privat ta' *body massage*, kura tad-dwiefer eċċ għaċ-Ċentri ta' Matul il-Jum tal-Gvern.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2015 (F/5)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-attivita` imsemmija li saret bejn l-4 u t-8 ta' Novembru 2015 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. Ikkummentat li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din l-attivita` ġiet apprezzata mill-organizzaturi. Hija kompliet tgħid li kien hemm żjarat mill-President ta' Malta, mill-Prim Ministru u mill-Kap tal-Oppożizzjoni.

2.5.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sinjuri Jimmy Muscat u Clifford Vella li volontarjament offrew is-servizzi tagħhom.

## 3.0. Tqegħid ta’ Karti

- *Purchase Request Form* – 13/11/15;
- Skeda ta’ Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 06/10/15 – 05/11/15;
- Skeda ta’ Pagamenti – 23/10/15 – 13/11/15;
- Skeda ta’ korrispondenza li waslet;
- Skeda ta’ korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti ta’ laqgħa tad-*Tender Adjudication Board* – 12/11/15;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Pedestrian crossing* fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 30 ta’ Ottubru 2015, mibgħut f’isem Anna Grima li talbet li ssir *pedestrian crossing* fi Triq il-Kbira, bejn Triq Sant’ Anna u Triq Snajjin.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minħabba l-kantuniera li teżisti bejn Triq in-Naħal u Triq Snajjin, mhux possibbli li ssir *pedestrian crossing*. Minkejja dan, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jitlob il-parir ta’ Transport Malta dwar l-possibilta` li jiġu ntrodotti *rumble strips,* minflok.

### 4.2.1. Funżjonijiet reliġjużi fil-Bitħa tas-Santwarju (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta’ Ottubru 2015, fejn l-Arċipriet J. Caruana għarraf li s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa ntagħżel biex ikun wieħed mill-Bibien tal-Ħniena għas-sena tal-Ħniena kif imħabbar mill-Papa Franġisku. Dan jinvolvi l-organizzazzjoni ta’ funzjonijiet reliġjużi fuq skala nazzjonali fiż-żona tal-Bitħna tas-Santwarju, f’Misraħ iż-Żjara tal-Papa u fi Triq l-Inkurunazzjoni, Triq l-Erwieħ u Triq Salvinu Vella. Għaldaqstant sar appell sabiex jiġu posposti xogħlijiet li l-Kunsill jista’ għandu f’din iż-żona. Saret talba wkoll li jsir użu mill-*billboard* li hemm fit-Telgħa ta’ Selmun.

4.2.3. Ġie nnutat li mhemmx xogħlijiet programmati għal Triq l-Inkurunazzjoni u l-madwar matul l-2016. Il-Kunsill ikkonċeda l-użu tal-*billboard* bejn l-1 ta’ Jannar u l-15 ta’ April, kif ukoll bejn id-9 ta’ Settembru u t-30 ta’ Novembru 2016. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jagħmel tajjeb għall-poster tal-*canvas* sa nefqa massima ta’ €350.

### 4.3.1. Sewqan b’veloċita` eċċessiva fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol IX)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta’ Ottubru 2015, fejn ġie mtenni suġġeriment minn Ms Janet Fenech sabiex isiru żewġ *speed humps* fi Triq l-Etna qrib Taraġ il-Baqquniera. Fl-ittra ntqal li l-periklu kiber f’din it-triq bl-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tagħha, kif ukoll b’żieda fin-numru ta’ residenti, li rriduċa t-triq f’karreġġjata waħda.

4.3.3. Is-Segretarju fakkar li fis-Seduta Nru. 16 tal-20 ta’ April 2014, il-Kunsill kien iddeċieda li għandha tinkiseb l-opinjoni tar-residenti kollha li joqogħdu bejn Triq il-Baqquniera u Taraġ il-Landiera. Dan minħabba l-fatt li t-tip ta’ miżura mitluba tikkawża nkonvenjent bl-istorbu li jiġi ġġenerat.

4.3.4. Il-Kunsill qabel li m’għandux ibiddel il-pożizzjoni tiegħu sakemm ma jkunx hemm petizzjoni mir-residenti, inkluż dawk tal-vilel li hemm taħt il-livell ta’ Triq l-Etna.

### 4.4.1. Pantomima tal-Milied (S/6/Vol IV)

4.4.2. Inqara imejl datat 9 ta’ Novembru 2015 mibgħut mill-Mellieħa Youth illi appellaw lill-Kunsill sabiex jissieħeb magħħom sabiex tittellgħa l-attivita` msemmija li sseħħ kull sena fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja. Permezz ta’ imejl ieħor datat 5 ta’ Novembru l-istess għaqda għarrfet li tixtieq twaqqaf kartelluni, 3 metri bi 3 metri, fi Ġnien il-Qighan, Misraħ il-Parroċċa u fi Triq Ġorġ Borg Olivier, faċċata ta’ Triq il-Qalb Imqaddsa.

4.4.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-pantomima ssir b’għan filantropiku u għaldaqstant qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta’ €300.

4.4.4. Kunsill approva wkoll it-twaqqif tat-tabelli msemmija.

### 4.5.1. Bini ta' arloġġ jaħdem bix-xemx (I/1/2/Vol VII)

4.5.2. Saret referenza għall-ittra datata 9 ta' Novembru 2015 mill-Professur Alex Torpiano mill-Fakolta` tal-Arkitettura fl-Universita` ta' Malta. Fl-istess ittra sar appell sabiex il-Kunsill jgħin lil numru ta' student li ddisinjaw arloġġ jaħdem bix-xemx fl-inħawi tad-Dahar eżatt fuq ir-riħ tal-Irdum tal-Qammieħ. Dan il-għan jirrikjedi il-bini ta' erba' blokki tal-konkos skont diżinn mehmuż mal-ittra msemmija.

4.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm l-istruttura proposta tkun koperta bil-permess tal-MEPA.

### 4.6.1. DN 1414/15 - Tibdil fil-Munchies Għadira Bistro (N/1/Vol II)

4.6.2. Inqrat ittra datata 4 ta' Novembru 2015, mibgħuta mill-Perit Robert Grech f'isem l-operatur tal-istabbiliment imsemmi, li fost talbiet oħra, applika mal-MEPA sabiex jibni rampa għall-persuni b'diżabilita` mit-triq pubblika għall-istess binja. It-talba tinkludi wkoll it-tneħħija ta' tinda tal-injam u l-introduzzjoni ta' *showers* pubbliċi li jkunu jistgħu jiġu żarmati.

4.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, peress li r-rampa proposta ser ittejjeb l-aċċess għall-istabbiliment imsemmi, filwaqt li kif indikata fil-pjanta mehmuża mat-talba, ma tnaqqasx ħafna mill-ispazju fil-*layby* eżistenti bejn l-istabbilment Munchies Għadira Bistro u Triq il-Marfa.

### 4.7.1. Sewqan perikoluż fi Triq Selmun (T/3/2/Vol XII)

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Novembru 2015, mibgħuta mis-Selmun Residents Association, fejn inġibdet l-attenzjoni li qed isir sewqan b'veloċita` eċċessiva u għalhekk qed jintalab li jsiru tliet *speed humps* oħra apparti t-tnejn eżistenti.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinġieb aktar tagħrif dwar il-postijiet fejn qed jiġu proposti l-i*speed humps* mitluba.

### 4.8.1. Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XII)

4.8.2. Saret referenza għal imejls datati 12 ta' Novembru 2015, fejn is-Sinjura N. Borg ilmentat dwar id-daħla għal Triq ix-Xagħra ta' Barra minn Triq il-Kbira. Hija qalet li qed jinħoloq periklu billi vetturi qed ikollhom jistennew fi Triq il-Kbira, peress li l-wisa' ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra ma jippermettix li jgħaddu żewġ vetturi f'daqqa. Għaldaqstant intalab li dan jitwessa, jew jiġi pprojbit l-ipparkjar fit-tarf ta' Triq ix-Xagħra ta' barra, eżatt qabel il-*build-out*.

4.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*build-outs* fil-bankini m'għandhomx jiċċekknu, iżda għandha tiġi mistħarrġa l-possibilta` li jitwali l-linji sofor doppji eżistenti.

4.8.4. Is-Sinjura N. Borg ilmentat ukoll li, minkejja li hemm mera fi Triq il-Qortin, faċċata ta' Triq il-Gardell, sewqan b'veloċita` eċċessiva qed jikkawża periklu biex wieħed joħroġ minn Triq il-Gardell. Hija qalet ukoll li l-marki biż-żebgħa li kien hemm fl-istess parti tat-triq baqgħu ma' sarux wara li kien sar xi xogħol fit-triq mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

4.8.5. Il-Kunsill iddeċieda li l-marki biż-żebgħa għandhom jerġgħu jsiru mill-ġdid, peress li r-*resurfacing* ta' Triq il-Qortin jista' jieħu fit-tul.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 13 ta' Novembru 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tresqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn is-6 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2015.

6.3. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-23 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru 2015.

6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ddikjara li ser jastjeni mid-deċiżjoni dwar l-iskeda tal-ħlasijiet fir-rigward tal-pagament 027-11-15, minħabba parentela li għandu mal-fornitur.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju għarraf li dan is-suġġett ser ikollu jitħalla għas-seduta li jmiss peress li l-Avukat M. Mifsud kien indispost.

## 8.1. Manutenzjoni u restawr tal-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

8.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti u qal li nġiebu 82 blokka tal-konkos sabiex jirfdu l-ħitan tal-batterija. Dawn tqiegħdu fil-post bl-intervent mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li sar kuntatt mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, u sussegwentement saret laqgħa fuq il-post mal-konsulent tiegħu, il-Perit John Farrugia u l-Perit Ivana Farrugia mit-Dipartment tar-Restawr. Tal-aħħar ħadet diversi ritratti tal-binja u kellha tressaq rapport dwar l-istat tal-batterija lid-Direttur tal-istess dipartiment – il-Perit Norbert Gatt. Sar wkoll kuntatt mal-Kap Eżekuttiv tal-MEPA is-Sur Johann Buttigieg li ġie nfurmat bis-sitwazzjoni bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jikseb finanzjament mill-*Environment Initiatives in Partnership Fund* (EIPP) amministrat mill-istess awtorita`. Din il-laqgħa ser issir fl-20 ta' Novembru 2015 mad-Direttur tal-Ippjanar is-Sur Christopher Borg u s-Sur Joe Magro Conti l-maniġer tal-*Heritage Planning Unit* fi ħdan il-MEPA. Din il-laqgħa hija ntiża wkoll sabiex tkompli tiġi segwita talba li saret għall-finanzjament tar-restawr tal-batterija permezz tal-*EIPP*.

8.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 9.1. Programm u estimi marbuta mal-Milied (A/5/3/7)

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkonfermat li l-attivita` tal-anzjani ser issir fit-22 ta' Diċembru f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa bejn it-3.30pm u l-5.00pm. Bħala kontenut tal-programm hija pproponiet il-parteċipazzjoni tal-kantanta Giorgina Abela u l-kor tat-tfal tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

9.3. Dwar l-attivita` tat-tfal li ser issir fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fit-23 ta' Diċembru bejn it-3.30pm u l-5.00pm, is-Sinjura A. Brincat Stellini pproponiet li jieħdu sehem il-grupp Curtain Raisers, kif ukoll jitqassmu ġugarelli lit-tfal.

9.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għal korrispondenza li għaddiet mal-Kap tal-Iskola Primarja li permezz tagħha ġie stabbilit li d-dati ta' Milied Mellieħi jkunu t-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 22, 23 u 24 ta' Diċembru 2015, bejn is-7.15pm u l-10.30pm. Dan sabiex jiġi evitat li dawn jaħbtu mal-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill Skolastiku fl-istess skola.

9.5. Is-Sur C. Bartolo għarraf li qed isiru arranġamenti sabiex jinġiebu *wooden huts* proprjeta` tas-Segretarjat Parlamentari tal-Agrikolutra, is-Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Huwa qal li l-programm tal-attivitajiet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II għadu qed jitfassal, filwaqt li ssuġġerixxa li jinkludi l-elementi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 22 ta' Diċembru | Big Friends Guggen Musik u l-Kor tal-Societa` Filarmonica La Vittoria, flimkien ma' wirjiet ta' *apsailing* u *zip lining* mill-Mellieħa Scout Group. |
| L-Erbgħa 23 ta' Diċembru | Vituosi Band u l-Korr tat-tfal tal-Iskola Primarja, flimkien ma' wirjiet ta' *apsailing* u *zip lining* mill-Mellieħa Scout Group. |
| Il-Ħamis 24 ta' Diċembru | Purċissjoni bil-bambin mit-tfal tal-MUSEUM, flimkien ma' wirjiet ta' *apsailing* u *zip lining* mill-Mellieħa Scout Group. |

9.6. Is-Sur C. Bartolo ressaq baġit għall-attivitajiet tal-Milied kif jidher hawn taħt:

| Deskrizzjoni tal-Ispiża | Dħul (€) | Infieq (€) |
|---|---|---|
| ***Attivita` f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II*** | | |
| Tiżjin tal-post | | 1,500.00 |
| Riklamar | | 1,000.00 |
| Servizz ta' ambulanza | | 590.00 |
| *Artwork* (*billboard, flyers* u riklamar ieħor) | | 590.00 |
| Big Friends Guggen Musik - 22/12/2015 | | 1,000.00 |
| Tqassim ta' fuljetti | | 590.00 |
| Logħob tan-nar | | 500.00 |
| Rokna għat-tfal | | 500.00 |
| Dwal | | 590.00 |
| Mementos ta' Milied Mellieħi 2015 | | 590.00 |
| Divertiment ieħor | | 1,100.00 |
| Servizz ta' fotografu | | 150.00 |
| Stampar tal-*billboard* u fuljetti | | 1,100.00 |
| Kiri ta' sistema tal-audio u palk | | 1,100.00 |
| Trasport | | 350.00 |
| Self ta' *wooden huts* | | - |
| Attivita` għat-tfal u l-anżjani | | 2,750.00 |
| Ammont ta' kontinġenza | | 1,000.00 |
| Skema dwar Attivitajiet Kulturali (DLG) | 5,000.00 | |
| Totali | 5,000.00 | 15,000.00 |
| Bilanċ | - 10,000.00 | |

9.7. Il-Kunsill approva l-proposti li saru, kif ukoll l-estimi tal-attivita` kif imressqa.

## 10.1. Manutenzjoni u żamma ta' *soft areas* bejn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq il-Marlozz (P/5/8/M)

10.2. Saret referenza għall-permess maħruġ mill-MEPA - PC 0068/08 - li jinvolvi bdil fl-iskema minn triq pubblika għall-*terraced landscaped garden* fejn ikun hemm aċċess pedonali biss. Il-permess inħareġ f'April 2010.

10.3. Is-Sindku J. Buttigieg ikkummenta li minkejja illi s-sidien tal-blokka – Attard Developments Ltd – kienu għamlu x-xogħol kollu tal-*landscaping*, inkluż it-taraġ li jgħaqqad għal Triq il-Marfa, l-art xorta waħda baqgħet pubblika u għalhekk is-*soft areas* li hemm saru responsabilta` tal-Kunsill. Għaldaqstant huwa ppropona li ż-żamma u l-manutenzjoni tal-post tidħol parti mix-xogħlijiet koperti bil-kuntratt tal-Parki u Ġonna.

10.4. Il-Kunsill qabel mar-raġunijiet mogħtija mis-Sindku skont il-minuta 10.3. aktar 'il fuq.

**11.1. Sejħa Nru. 6/2015 – Bandli u xogħol anċillari fi Ġnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani (P/2/1)**

11.2. Is-Sindku J. Buttigieg, qal li kif sar waqt l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board*, huwa ma kienx ser jieħu sehem fid-diskussjoni u ħareġ mill-kamra minħabba l-involviment ta' ibnu fid-ditta Gokker Ltd, li hija waħda mill-offerenti.

11.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għar-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-12 ta' Novembru 2015, fejn saret evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet li saru minn erba' offerenti differenti, li tnejn minnhom taw alternattivi differenti, skont skeda ta' offerti li ġiet rilaxxjata eżattament wara li għalqet is-sejħa.

11.4. Wara li l-Kunsill ra d-dokumentazzjoni kollha sottomessa, kien hemm qbil li l-offerta ta' Gokker Ltd hija l-aktar waħda li tagħti l-valur tal-flus imħallsa fir-rigward tal-*playhouse li* hija l-*item* ewlieni fil-*bill of quantities*. Dan minħabba d-daqs tagħha, kif ukoll l-avventura varjata li toffri lit-tfal. Ġie nnutat ukoll illi minkejja li hija ikbar, mqabbla mal-mudelli ta' offerenti oħra, ma tirrikjedix żieda fl-*area* tat-tapit tal-lastiku, skont kif ikkonfermat mill-perit. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li fadal fondi biżżejjed fil-Vot 7525 tal-Estimi 2015 allokat għat-Titjib ta' Ġnien il-Qigħan.

**12.1. Sejħa Nru. 7/2015 – Titjib fl-aċċessibilita` fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)**

12.2. Is-Segretarju għarraf li kien hemm offerent wieħed – Gozo Aluminium Ltd – li ssottometta żewġ alternattivi. L-ewwel waħda kienet kif stipulat fid-dokument tal-offerta, ossija bil-bibien jinfetħu fuq ġewwa u oħra bil-bibien jiġru li ġew ikkwotati €6,500 u €6,300, rispettivament bil-VAT inkluża. Sar aċċenn ukoll li dan il-prezz jinkludi wkoll it-tneħħija tal-antiporta eżistenti, kif ukoll it-tibdil meħtieġ fil-bankina biex tiffaċilita l-aċċess għall-persuni b'diżabilita`.

12.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi d-dokumentazzjoni relatata mas-sejħa ġiet sottomessa skont kif stipulat fid-dokument tal-offerta. Intalab rapport tekniku mingħand Galea Curmi Engineering Consultants li esprimew il-fehma illi l-għażla mogħtija mill-offerent bil-bibien *sliding* tilħaq l-iskop oriġinali tal-Kunsill, filwaqt li hija aktar vantaġġjuża għaliex ma xxekkilx il-passaġġ bl-ebda mod, filwaqt li tiswa €200 inqas minn dik mitluba fid-dokument tal-offerta bil-bibien jinfetħu.

12.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-Gozo Aluminium Ltd sakemm l-offerent jikkonferma li l-bibien *sliding* jħallu ftuħ minimu ta' 1.8m.

**13.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)**

13.2. Is-Sindku J. Buttigieg, qal li kif sar waqt l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board*, huwa ma kienx ser jieħu sehem fid-diskussjoni u ħareġ mill-kamra minħabba l-involviment ta' ibnu fid-ditta Highland Group Ltd, li hija waħda mill-offerenti.

13.3. Saret referenza għar-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-12 ta' Novembru 2015 fejn mill-kalkoli tal-ispejjeż marbuta maż-żewġ *attendants* mitluba fid-dokument tal-offerta, irriżulta li dak illi sar mill-*Contracts Manager* ammontat għall- €72,319.12, filwaqt illi dak li sar mis-Segretarjat tal-Kunsill laħaq €71,857 (varjanza ta' €464.12). Ġie spjegat li r-rata tal-ħlas applikabbli għas-sena 2016, kienet dik ta' Skala 20 tas-Servizz Ċivili, skont kif ppubblikata mid-*Department for Industrial and Employment Relations*.

13.4. Meta jittieħed il-kalkolu li sar mill-Kunsill u jitqabbel mas-somma annwali kkwotata minn kull offerenti, jirriżultaw il-varjanzi li jidhru fl-iskeda t'hawn taħt:

| Offerent | Spiża kkwotata (€) | Varjanza mal-istima li saret mill-Kunsill (%) |
|---|---|---|
| Euro Clean | 53,596.00 | -25.41 |
| Sandro Caruana | 58,198.30 | -19.01 |
| Ismael Vella | 63,100.00 | -12.19 |
| Antoine Fenech | 74,989.00 | 4.36 |
| Paul Cardona | 75,041.31 | 4.43 |
| Highland Group Ltd | 96,801.33 | 34.71 |
| Absolute Cleaners Ltd | 105,934.56 | 47.42 |

13.5. Fir-rigward tal-offerent Absolute Cleaners Ltd ġie spjegat li l-ispiża annwali tiżdiet b'2.5% kull sena tul it-tliet snin tal-kuntratt.

13.6. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu ntervistati dawk l-offerenti li l-aktar qorbu lejn l-kalkolu tal-Kunsill. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha tissejjaħ laqgħa tat-*Tender Adjudication Board* fis-16 ta' Diċembru 2015..

## 14.1. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

14.2. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li s-Sinjorina Erica Galea ilha ma tattendi għas-seduti tal-Kunsill diversi xhur, minkejja li hija qed tiġi notifikata dwarhom. Huwa appella lill-Kunsill sabiex jikkonsidra li jaħtar persuna oħra. Huwa aċċenna li minn żmien għal żmien qed ikun hemm mistoqsijiet parlarmentari dwar dan is-suġġett.

14.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-Sinjorina Galea għandha tiġi mistoqsija jekk tixtieqx tkompli taqdi din il-funzjoni.

## 15.1. *Leadership Academy* (K/6/7/Vol VI)

15.2. Is-Sindku għarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kompla bil-proġett ta' taħriġ iffinanzjat mill-gvern Norveġiż bi tliet ijiem ta' taħriġ li huwa attenda flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv bejn is-16 u t-18 ta' Novembru 2015 f'Għawdex. Huwa qal li t-taħriġ ingħata minn tliet esperti pprovduti mill-Kunsill tal-Ewropa – is-Sinjuri Alina Tatarenko; John Barber, u John Jackson. Is-Sur J. Buttigieg qal li jkun utili li ċertu aspetti tat-taħriġ li ngħata għandhom jiġu estiżi kemm għall-Kunsillieri, kif ukoll għall-impjegati tal-Kunsill. Huwa għalhekk issuġġerixxa li jsir seminar ta' nofs ta' nhar li jiġi kordinat mill-uffiċjal fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li mexxa t-taħriġ – is-Sur Adrian Mifsud.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposta u qabel li dan għandu jsir fid-9 ta' Jannar 2016 fi stabbiliment fil-Mellieħa.

## 16.1. L-iktar persuna anzjana fil-lokalita` (M/6/Vol V)

16.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf lill-Kunsill illi s-Sinjura Giovanna Cutajar, li attwalment hija residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, ser tagħlaq mitt sena u għallhekk ippropona li l-Kunsill jifirħilha li laħqet din l-eta`.

16.3. Ġie deċiż li l-Kunsillieri għandhom iżuruha nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2015 fl-4.00pm u jippreżentawlha rigal biex ifakkar l-okkażjoni.

**17.1. Kolliżjonijiet fi Triq il-Vitorja k/m Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/Vol XIII)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm ilmenti persistenti dwar kolliżjonijiet fil-post imsemmi hawn fuq. Huwa qal li min ikun ħiereġ minn Triq il-Vitorja jkollu joħroġ 'il barra biex jara traffiku li jkun għaddej fi Triq il-Mitħna l-Qadima.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li rimedju għal din is-sitwazzjoni hija l-introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq il-Vitorja wara li tinġieb l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar il-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2015 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**